## 16 ta' Jannar, 1956.

## Imħallef:
## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Gerarda Dagri et. *versus* Carmela Micallef et.**

### Azzjoni Rivendikatorja — Dikjarazzjonijiet fiċ-Ċitazzjoni

*Min jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja biex jirrivendika fond li ġie aljenat minn min ma kellux dritt jaljenah, għax jippretendi li dak il-fond huwa tiegħu, ma jagħmelx ħażin meta jitlob li jiġi dikjarat null u ta' ebda effett l-att aljenatorju għal dak li jirrigwarda dak il-fond, li huwa jallega li "jappartjeni lilu", mingħajr ma jippremetti d-domanda biex jiġi dikjarat li l-fond jappartjeni lilu. Għax it-talba għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-att aljenatorju hi subordinata għal dik li l-fond jappartjeni lill-attur rivendikant; u ladarba dik id-dikjarazzjoni tirriżulta mitluba, ma kienx hemm bżonn li l-attur jagħmel l-istess dikjarazzjoni fiċ-ċitazzjoni per mezz ta' domanda separata. Għaliex id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu ma hemmx bżonn illi jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domanda.*

*Lanqas ma hija attendibbli l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-attur ma kellux jitlob l-annullament tal-att aljenatorju, imma kellu biss jitlob id-dikjarazzjoni li huwa l-proprjetarju tal-fond aljenat. Dak li jista' jingħad hu li l-attur, għall-finijiet tat-talba tiegħu, seta' ma talabx l-annullament tal-kuntratt; imma b'daqshekk ma jiġix li l-attur għamel ħażin meta talab dik id-dikjarazzjoni. Jekk mbgħad l-istess dikjarazzjoni tirriżulta superfluwa, ta' dan tkun tista' tittieħed konsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjeż.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon tad-29 ta' Awissu, 1945 (dok. A), l-imsemmi Angelo Chetcuti ittrasferixxa b'titolu ta' bejgħ lill-konvenuta Carmela Micallef, bil-prezz ta' £1,400, l-utili dominju perpetwu tad-dar li qegħda ż-Żejtun, Antonio Micallef Street, numri 4, 5 u 6 (il-lum 5, 6 u 7), bħala suġġett għall-pagament ta' £1.10.0 fis-sena in perpetwu, rata ta' ċens akbar, u rriżerva favur

tiegħu u *ta' martu*, il-konvenuta Maria Assunta Chetcuti, l-użufrutt *ta' l-istess fond sal-mewt tas-superstiti fosthom;* liema użufrutt, in kwantu kostitwit favur il-predetta konvenuta Maria Assunta Chetcuti, ġie debitament aċċettat minn dina *l-konvenuta fuq* l-istess *kuntratt fuq imsemmi;* u illi l-imsemmi Angelo Chetcuti ma setax jiddisponi, la mill-utili *dominju* u lanqas mill-użufrutt tat-totalità tal-fond *fuq imsemmi,* billi huwa kien diġà assenja *n-nofs* indiviż ta' l-istess fond, flimkien man-nofs indiviż tal-fond *adjaċenti* u interkommunikanti numru 7 (il-lum numru 8) *fil-predetta* Trieq Antonio Micallef, iż-Żejtun, kif soġġett għal nofs il-kanone gravanti l-istess fond, u dan, b'titolu ta' *dota* favur l-attriċi Gerarda Dagri, bis-saħħa ta' kuntratt *fl-atti* tan-Nutar Enrico Saydon tat-3 ta' Frar 1937 (dok. B); u illi b'dan il-mod l-imsemmi Angelo Chetcuti ġie biegħ fond li fin-nofs indiviż tiegħu ma kienx jappartjeni lilu; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha neċessarji u opportuni, għar-raġunijiet premessi u għal kull raġuni oħra valida fil-liġi, jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi l-kuntratt ta' vendita u kostituzzjoni ta' użufrutt fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon fid-29 ta' Awissu, 1945 huwa null u mingħajr effett għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż tal-fond fuq imsemmi numri 4, 5 u 6 (il-lum 5, 6 u 7) Antonio Micallef Street, Żejtun, li jappartjeni lill-attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew imħarrka sabiex jidhru għas-subizzjoni tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti;

Illi l-konvenuti jeċċepixxu illi din il-kawża ma kellhiex għalfejn issir, u lanqas ma hi sostenibbli, billi *l-unika* domanda f'kawża bħal din kellha tkun dik biss li l-atturi huma proprjetarji esklużivi tal-fond fuq imsemmi, liema domanda ġiet ommessa mill-atturi; u jkun sommament irritwali illi jiġi dikjarat null l-att aljenatorju jekk l-atturi lanqas għamlu dik it-talba li jiġu dikjarati proprjetarji tal-beni aljenati; u għalhekk it-talba ma tistax isseħħ, għaliex hi

nieqsa minn wieħed mill-elementi essenzjali għall-azzjoni rivendikatorja;

Illi ma hemmx dubju li bl-azzjoni miġjuba l-atturi qegħdin jippruvaw jirrivendikaw mill-poter tal-konvenuta Micallef in-nofs indiviż tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Tabilħaqq, huma qegħdin jippretendu illi l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Rosario Frendo Randon imsemmi f'dak l-att, in kwantu li bih ġie trasferit lill-imsemmija konvenuta dak il-fond intier, u għalhekk in-nofs indiviż tiegħu, hu null u mingħajr effett għaliex dak in-nofs indiviż fiż-żmien ta' dak it-trasferiment kien, kif għadu, jappartjeni lill-attriċi. B'dan il-mod, biex dak il-kuntratt ikun jista' jiġi dikjarat null, fil-limiti kif mitluba, irid qabel jiġi pruvat illi n-nofs indiviż ta' dak il-fond jappartjeni lill-attriċi;

Illi ma jistax jingħad mal-konvenuti illi l-atturi naqsu jitolbu espressament illi n-nofs indiviż tal-fond ġa' msemmi jiġi dikjarat proprjetà ta' l-attriċi. It-talba ta' l-atturi hi illi jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi l-kuntratt ta' vendita u kostituzzjoni ta' użufrutt publikat fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon fid-29 ta' Awissu 1945 hu null u mingħajr effett għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż tal-fond fuq imsemmi numri 4, 5 u 6 (il-lum 5, 6 u 7) Antonio Micallef Street, Żejtun, "li jappartjeni lill-attriċi". Għalhekk, it-talba ta' l-atturi għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt hi subordinata għad-dikjarazzjoni li dik il-kwota indiviża ta' l-imsemmi fond tappartjeni lill-attriċi. Kif tajjeb jissottomettu l-atturi, ladarba din id-dikjarazzjoni tirriżulta mitluba, ma kienx hemm bżonn illi huma jagħmlu l-istess dikjarazzjoni fiċ-ċitazzjoni permezz ta' domanda separata; għaliex id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu ma hemmx bżonn illi jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi (Vol. XXXIII-I-666);

Illi lanqas ma jista' jingħad mal-konvenuti illi l-atturi ma kellhomx jitolbu l-annullament tal-kuntratt, imma kellhom biss jitolbu d-dikjarazzojni li huma proprjetarji tan-nofs indiviż tal-fond. Dak li jista' jingħad hu illi l-atturi, għall-finijiet tat-talba tagħhom, setgħu ma talbux illi dak il-

kuntratt jiġi annullat. Tabilħaqq id-dottrina u l-ġurisprudenza jaqblu illi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja ta' ħaġa li ġiet aljenata minn min ma kellux dritt mhix neċessarja d-domanda għan-nullità jew rexissjoni tal-kuntratt, li għar-rivendikant hu ineżistenti (Touillier, Dei Contratti e delle Obbligazioni, Tit. 3, n. 604; Troplong, Vendita, n. 239; Vol. VIII, 755; X, 11; XII, 121; XXIX-II-447, 933). Għalhekk ma għamlu xejn ħażin l-atturi meta talbu espressament dik id-dikjarazzjoni. Jekk l-istess dikjarazzjoni, imbagħad, tirriżulta superfluwa, ta' dan tista' talvolta tittieħed konsiderazzjoni fil-kap ta' l-ispejjeż;

Illi, għalhekk, l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma tirriżultax sostenibbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-istess eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra tagħhom. Il-kawża tibqa mħollija għall-15 ta' Frar 1956, biex tiġi trattata fil-meritu, wara li din is-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat.